MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2007

Numru 425/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**KONTRA**

**CARMELO INNORCIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmelo Innorcia, bin Santo u Maria Linfa, imwieled Biberach, Germania nhar id-29 ta’ Dicembru, 1972, residenti fil-fond numru 91, Triq ic-Cern, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 9479539;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta’ Awwissu, 2007:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediciini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U kif ukoll talli kiser kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’sentenza li saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Carmelo Innorcia hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ Lm200.00 (mitejn lira maltin), pagabbli fi zmien ghaxar (10) xhur f’pagamenti ta’ Lm20.00 (ghoxrin lira maltin) fix-xahar, ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti qieghda wkoll testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza li nghatat fil-konfront tal-istess imputat Carmelo Innorcia nhar is-26 ta’ Marzu, 2007 mill-lum, ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------